



Brussell, 12 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

16588/23

LIMITE

ELARG 91
COWEB 161
COEST 657

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru dok. Cion:	COM (2023) 690 FINAL
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tkabbir

Bi tħejjija għall-Kunsill Affarijiet Ġenerali li għandu jsir fit-12 ta' Diċembru 2023, id-delegazzjonijiet isibu mehmuż abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tkabbir, kif imħejji mill-Presidenza wara diskussjonijiet fil-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti. Dan it-test huwa ppreżentat lill-Kunsill għall-eżami bil-ħsieb li jiġi approvat.

KUNSILL AFFARIJET ĠENERALI

ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IT-TKABBIR

1. Il-Kunsill jieħu nota sew tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-8 ta' Novembru 2023 dwar il-Politika tat-Tkabbir tal-UE li tinkludi r-rapporti dwar il-Montenegro, is-Serbja, il-Maċedonja ta' Fuq, l-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, il-Kosovo*, it-Turkija, l-Ukrajna, ir-Repubblika tal-Moldova (minn hawn 'il quddiem: il-Moldova) u l-Georgia.
2. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu lejn it-tkabbir f'konformità mal-kunsens imġedded dwar it-tkabbir approvat mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2006 u konklużjonijiet sussegwenti tal-Kunsill u l-Kunsill Ewropew. F'konformità mal-konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill, u fil-qafas tal-kriterji politiċi ta' Copenhagen, il-Kunsill jafferma mill-ġdid il-ħtieġa għal kondizzjonalità ġusta u rigoruża, il-prinċipju tal-merti proprji u r-riversibbiltà. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-UE tkun tista' żżomm u tapprofondixxi l-iżvilupp tagħha stess, inkluż il-kapaċità tagħha li tintegra membri ġodda. Il-Kunsill jibqa' jistenna li s-sħab jassumu s-sjieda u juru l-kredibbiltà tal-impnġi u r-rieda politika tagħhom permezz tal-implimentazzjoni tar-riformi meħtieġa u progress tanġibbli dwar l-aspetti fundamentali.

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

3. It-tkabbir huwa investiment ġeostrateġiku fil-paċi, is-sigurtà, l-istabbiltà u l-prosperità. Huwa mutur għat-titjib tal-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali taċ-ċittadini Ewropej, għat-tnaqqis tad-disparitajiet bejn il-pajjiżi u jrid irawwem il-valuri li fuqhom hija msejsa l-Unjoni. B'farsa 'l quddiem lejn il-prospett ta' Unjoni akbar, kemm l-UE kif ukoll l-Istati Membri futuri jeħtieġ li jkunu lesti. Jeħtieġ li l-membri aspiranti jżidu l-isforzi tagħhom ta' riforma, b'mod partikolari fil-qasam tal-istat tad-dritt, skont in-natura meritokratika tal-proċess ta' adeżjoni u bl-assistenza tal-UE. B'mod parallel, jeħtieġ li l-Unjoni ttejjji l-bażi u r-riformi interni meħtieġa. Ser nistabbilixxu l-ambizzjonijiet tagħna fit-tul u l-modi kif nistgħu niks buhom. Ser nindirizzaw kwistjonijiet ewlenin relatati mal-prijoritajiet u l-politiki tagħna kif ukoll il-kapaċità tagħna li naġixxu. Dan ser isaħħaħ lill-UE u jżid is-sovranià Ewropea.
4. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna turi li t-tkabbir huwa wkoll prijorità strateġika. Filwaqt li jfakkar f'dan il-kuntest fl-Aġenda ta' Tessalonika tal-2003 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2022, il-Kunsill jikkonferma l-impenn sħiħ u inekwivoku tiegħu għall-perspettiva tas-sħubija mal-UE tal-Balkani tal-Punent, l-Ukrajna, il-Moldova u l-Georgia, filwaqt li jtenni li l-futur tagħhom jinsab fl-Unjoni Ewropea. It-Turkija għadha pajjiż kandidat u sieħeb ewlieni f'haġna oqsma ta' interess konġunt.
5. Ir-rispett u l-impenn għall-promozzjoni tal-valuri li fuqhom hija msejsa l-UE, u l-issodisfar tal-obbligi meħtieġa għas-sħubija fl-UE, huma essenzjali għas-sħab kollha li jaspiraw li jissieħbu. Il-Kunsill itenni li l-istat tad-dritt huwa valur fundamentali li fuqu hija msejsa l-UE, u jibqa' rekwiżit indispensabbli għall-progress lejn is-sħubija fl-UE. Kisbiet ta' riforma sostnuti u irriversibbli fir-rigward tal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, il-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi, inkluż id-depolarizzazzjoni, l-amministrazzjoni pubblika u l-kriterji ekonomiċi jibqgħu l-punti ta' riferiment ewlenin li abbażi tagħhom jiġi vvalutat il-progress lejn is-sħubija fl-UE.

6. Il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tinsab fil-qalba tal-valuri tal-UE. Il-Kunsill jagħti attenzjoni partikolari lill-progress tas-sħab f'dan il-qasam, filwaqt li jfakkar li miżuri kredibbli biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet irrappurtati huma prijorità ġenerali. F'dan il-kuntest, il-Kunsill itenni l-importanza li jiġu rispettati d-drittijiet tat-tfal u d-drittijiet u t-trattament nondiskriminatorju ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi u persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, bħar-Rom, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali (LGBTI) u l-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi nazzjonali. Rigward l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-Kunsill isostni li għandhom jiġu żgurati l-emanċipazzjoni u t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet fundamentali tan-nisa u l-bniet. Il-Kunsill ifakkar li l-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-media u l-pluraliżmu huma pilastri ewlenin ta' soċjetà demokratika u riżultati konkreti u tanġibbli f'dawn l-oqsma kruċjali jibqgħu essenzjali.
7. Il-Kunsill jissottolinja wkoll il-ħtieġa li s-sħab jagħmlu progress fir-riforma komprensiva tal-ġustizzja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, inkluż id-deoligarkizzazzjoni, u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Il-Kunsill ifakkar li għadhom meħtieġa rekord sod dwar kundanni finali u sekwestru u konfiska ta' assi kriminali fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.
8. Fil-Balkani tal-Punent, għadhom meħtieġa sforzi deċiżivi biex jitrawmu r-rikonċiljazzjoni u l-istabbiltà reġjonali, inkluż billi jissolvew it-tilwim bilaterali bejn is-sħab u l-kwistjonijiet miruta bl-għerqu tagħhom fil-passat, f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-prinċipji stabbiliti, inkluż il-Ftehim dwar Kwistjonijiet ta' Suċċessjoni.
9. Il-Kunsilli jissottolinja bil-qawwa l-importanza kruċjali li tiġi approfondita aktar il-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' politika barranija u l-aspettattivi tal-Unjoni għas-sħab biex jallinjaw kompletament mal-Politika Estra u ta' Sigurtà Komuni tal-UE (PESK), inkluż miżuri restrittivi, aspett ewlieni tal-proċess ta' integrazzjoni tal-UE u espressjoni b'saħħitha tal-għażla strateġika u l-post ta' sieħeb f'komunità ta' valuri. L-UE tkompli tappoġġa lis-sħab u tipprovdi assistenza b'mod partikolari lil dawk allinjati bis-sħiħ, inkluż biex isaħħu r-reżiljenza tagħhom għat-theddid ibridu. Il-prevenzjoni taċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi tal-UE, inkluż dawk adottati b'rispons għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, tibqa' ta' importanza kbira.

10. Il-Kunsill jesprimi s-sodisfazzjoni tiegħu għall-kooperazzjoni b'suċċess mas-sħab fl-oqsma tal-ġlieda kontra t-theddid ibridu, kif ukoll fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, ir-radikalizzazzjoni u l-kriminalità organizzata u jibqa' impenjat li jkompli japprofondixxi l-kooperazzjoni f'dawn l-oqsma. Il-ġlieda kontra l-attivitajiet ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni, inkluż id-diżinformazzjoni, tibqa' prijorità importanti. Il-Kunsill ifakkar li l-Unjoni Ewropea ser tintensifika l-ħidma tagħha mas-sħab biex tiġġieled in-narrattivi foloz tar-Russja u d-diżinformazzjoni dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.
11. Il-migrazzjoni irregolari għadha sfida ewlenija, u teħtieġ li l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni mas-sħab kollha jtkomplew. Il-Kunsill ifaħħar lis-sħab tal-Balkani tal-Punent għall-kooperazzjoni kostruttiva tagħhom u lit-Turkija għat-tkomplija tal-isforzi tagħha biex tospita waħda mill-ikbar popolazzjonijiet ta' refuġjati fid-dinja. Il-Kunsill jissottolinja wkoll l-importanza kruċjali tas-sħab li jarmonizzaw il-politiki tagħhom dwar il-viżi mal-UE.
12. Il-Kunsill jappella lis-sħab kollha jikkomunikaw b'mod ċar liċ-ċittadini tagħhom il-benefiċċji u l-obbligi li jirriżultaw mill-perkorsi rispettivi tagħhom lejn l-UE, kif ukoll l-impenn tagħhom stess għall-valuri tal-UE u r-riformi meħtieġa.
13. L-UE ser tkompli ssaħħa u tintensifika l-appoġġ tagħha fil-livelli kollha biex tappoġġa t-trasformazzjoni politika, ekonomika u soċjali ta' membri futuri tal-UE, ibbażata fuq progress tanġibbli fl-istat tad-dritt u r-riformi soċjoekonomiċi, kif ukoll fuq l-aderenza tas-sħab mal-valuri, ir-regoli u l-istandards tal-UE. L-UE ser tkompli bl-assistenza finanzjarja u teknika sostanzjali tagħha lis-sħab, b'mod partikolari permezz tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) u l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (NDICI-Ewropa Globali), kif ukoll permezz tal-Ġemellaġġ u t-TAIEX. Skont il-prinċipji ta' kundizzjonalità u l-politika l-ewwel, din l-assistenza finanzjarja għandha l-għan li tgħin lis-sħab jadottaw riformi u jiksbu allinjament sħiħ mal-acquis tal-UE.

14. Il-Kunsill jibqa' impenjat li jqarreb lis-sħab lejn l-UE, iwitti t-triq għall-adeżjoni, u jgħib benefiċċji konkreti liċ-ċittadini tagħhom diġà matul il-proċess ta' tkabbir. Għal dan l-għan, il-Kunsill iħegġegħ l-esplorazzjoni ta' miżuri addizzjonali mmirati lejn l-implimentazzjoni ulterjuri tal-integrazzjoni gradwali b'mod riversibbli u bbażat fuq il-mertu, f'konformità mal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2022. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jintuża bis-sħiħ il-potenzjal tal-istrumenti legali eżistenti, u jistenna b'interess li jeżamina proposti għal aktar integrazzjoni gradwali fit-triq lejn sħubija sħiħa, inkluż l-approfondiment ulterjuri tal-kooperazzjoni settorjali tal-UE ma' sħab f'oqsma ta' interess komuni, mibni fuq il-metodoloġija riveduta tat-tkabbir. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jieħu nota tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Pjan Ġdid ta' Tkabbir għall-Balkani tal-Punent li għandu l-għan li jaċċellera l-konverġenza soċjoekonomika bejn il-Balkani tal-Punent u l-UE, abbażi ta' kundizzjonalitajiet stretti, u li jħegġegħ lir-reġjun iżid il-pass tar-riformi relatati mal-UE dwar l-aspetti fundamentali b'appoġġ għat-triq tagħhom lejn l-UE. L-implimentazzjoni proposta tiegħu mistennija tkun marbuta, fost oħrajn, mal-progress fl-acquis, il-kooperazzjoni reġjonali u l-involviment kostruttiv mis-Serbja u l-Kosovo fid-djalogu ffaċilitat mill-UE. Il-politika reġjonali tas-Sħubija tal-Lvant ser tkompli tappoġġa wkoll lill-Ukrajna, lill-Moldova u lill-Georgia fil-perkors tagħhom lejn l-UE.

MONTENEGRO

15. Il-Kunsill jilqa' bi pjaċir il-formazzjoni tal-gvern il-ġdid u jħeġġu jagħmel progress malajr fil-perkors u d-direzzjoni strateġika tal-Montenegro lejn l-UE. Il-kunsens politiku u r-rieda huma meħtieġa biex b'mod urġenti terġa' tiġi stabbilita l-funzjonalità tal-istituzzjonijiet demokratiċi u jitwettqu l-impenji ta' riforma li ilhom li ttieħdu.
16. Il-Kunsill jilqa' l-progress ġenerali li sar s'issa fin-negozjati dwar l-adeżjoni, bi 33 kapitolu eżaminat analitikament miftuħa u tliet kapitoli magħluqa proviżorjament. Il-Montenegro għandu, mingħajr dewmien, jerġa' jiffoka l-isforzi tiegħu fuq it-twettiq tal-punti ta' riferiment interim tal-kapitoli 23 u 24 dwar l-istat tad-dritt. L-ebda kapitolu ieħor mhu ser jingħalaq proviżorjament qabel ma jintlaħaq dan l-istadju importanti. Il-Kunsill ifakkar li l-progress f'dawn il-kapitoli huwa essenzjali u ser ikompli jiddetermina r-ritmu tan-negozjati tal-adeżjoni b'mod ġenerali.

17. Il-Kunsill ifakkar fil-ħtieġa urġenti li jerġa' jiġi stabbilit il-funzjonament tal-korpi ġudizzjarji ewlenin, b'mod partikolari billi jiġu ffinalizzati l-ħatriet li għadhom pendenti, u li tiġi aċċellerata u approfondita l-implimentazzjoni tar-riformi ġudizzjarji ewlenin, sabiex tiġi garantita sistema ġudizzjarja indipendenti, effiċjenti u ta' kwalità għolja. Il-Kunsill jilqa' bi pjaċir il-ħatra tas-seba' mħallef tal-Qorti Kostituzzjonali, li issa hija kompletament operazzjonali.
18. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Montenegro jżid l-isforzi tiegħu b'mod partikolari f'oqsma kritiċi bħall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata. Filwaqt li jirrikonoxxi l-progress li sar, il-Montenegro jrid itejjeb ir-rekord tiegħu ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet, kundanni finali, u ta' sekwestru u konfiska ta' assi kriminali.
19. Filwaqt li jinnota xi progress, il-Kunsill iħeġġeġ ukoll lill-Montenegro jżid l-isforzi tiegħu fl-oqsma tal-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-media, inkluż il-protezzjoni istituzzjonali tal-ġurnalisti kontra kull forma ta' vjolenza.
20. Dwar il-kriterji ekonomiċi, il-Kunsill jilqa' bi pjaċir l-irkupru qawwi u t-tkabbir kostanti tal-ekonomija, l-istabbiltà tas-setturi bankarji u finanzjarji u t-titjib fis-suq tax-xogħol. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Montenegro jimplementa riformi strutturali, inaqas id-dejn pubbliku u jkompli bl-isforzi tiegħu biex isaħħaħ il-governanza fiskali u t-trasparenza.
21. Il-Kunsill jilqa' tajjeb l-impenn tal-gvern biex jiżviluppa aktar il-kooperazzjoni reġjonali u javvanza l-promozzjoni ta' relazzjonijiet tajbin ta' viċinat.
22. Il-Kunsill ifaħħar bil-qawwa lill-Montenegro għall-kooperazzjoni konsistenti tiegħu dwar kwistjonijiet ta' politika barranija u l-allinjament sħiħ u sod tiegħu li ilu jżomm mal-PESK tal-UE, inkluż fuq il-miżuri restrittivi tal-UE – sinjal qawwi tal-impenn strateġiku tal-Montenegro fil-perkors tiegħu lejn l-UE. Huwa jilqa' bl-istess mod it-tkomplija tal-parteċipazzjoni attiva tal-Montenegro f'missjonijiet u operazzjonijiet tal-UE skont il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK).

SERBJA

23. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2022, il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' rieda politika qawwija u konsistenza fl-implimentazzjoni tar-riformi relatati mal-UE sabiex titwettaq l-għażla strateġika tas-Serbja li tissieħeb fl-UE. Il-Kunsill ifakkar li l-progress tas-Serbja dwar l-istat tad-dritt u n-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Kosovo ser ikompli jiddetermina r-ritmu ġenerali tan-negożjati dwar l-adeżjoni.
24. Il-Kunsill jesprimi s-sodisfazzjoni tiegħu għall-progress ġenerali li sar sa issa fin-negożjati dwar l-adeżjoni, fejn minn 35 kapitolu ta' negożjar infetħu 22, u 2 kapitolu ngħalqu proviżorjament. Is-Serbja għandha tkompli tiffoka fuq it-twettiq tal-punti ta' riferiment interim tal-kapitolu 23 u 24 dwar l-istat tad-dritt. Il-Kunsill jilqa' l-adozzjoni f'waqtha ta' ħames liġijiet li jimplementaw l-emendi kostituzzjonali tal-2022. Madankollu, huma meħtieġa aktar ħidma u impenn politiku biex jiġu implimentati riformi f'oqsma fundamentali, inkluż dwar il-ġudikatura. Jeħtieġ ukoll li s-Serbja tkompli tagħti attenzjoni partikolari lir-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali, inkluż il-protezzjoni tal-gruppi l-aktar vulnerabbli, kif ukoll it-trattament nondiskriminatorju ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi fis-Serbja kollha.
25. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li s-Serbja żżid l-isforzi tagħha fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata. Jeħtieġ ukoll li s-Serbja tikseb riżultati tanġibbli u rekord konvinċenti b'investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet, kundanni finali, iffriżar u konfiska ta' assi kriminali effettivi.
26. Il-Kunsill itenni t-tħassib tiegħu dwar il-progress limitat fit-titjib tal-ambjent ġenerali għal-libertà tal-espressjoni u l-indipendenza tal-media. Il-Kunsill iħeġġeġ lis-Serbja żżid l-isforzi għall-implimentazzjoni effettiva tal-pjan ta' azzjoni tal-istrateġija tagħha dwar il-media.
27. Il-Kunsill itenni l-appell tiegħu lill-awtoritajiet Serbi biex jikkomunikaw b'mod oġġettiv u mhux ambigwu dwar l-UE, u biex jinvolvu ruħhom b'mod attiv fil-prevenzjoni u fl-indirizzar tal-forom kollha ta' diżinformazzjoni u manipulazzjoni tal-informazzjoni minn barranin fuq l-istazzjonijiet kollha tal-media.

28. Il-Kunsill ikompli jissottolinja l-importanza ta' kooperazzjoni reġjonali sinifikattiva fit-trattament domestiku ta' delitti tal-gwerra, bis-soluzzjoni tal-każijiet li fadal ta' persuni neqsin u kooperazzjoni sħiħa mal-Mekkaniżmu Internazzjonali li Jeżerċita s-Setgħat Residwi tal-Qrati Kriminali. M'għandu jkun hemm l-ebda appoġġ għal kriminali tal-gwerra kkundannati u lanqas għall-glorifikazzjoni jew iċ-ċaħda tad-delitti tagħhom.
29. Sabiex il-kundizzjonijiet għall-funzjonament tajjeb tal-istituzzjonijiet demokratiċi jkunu aħjar, il-Kunsill iħeġġeġ bil-qawwa lis-Serbja tindirizza r-rakkomandazzjonijiet li ilhom li saru tal-korpi tal-OSKE/ODIHR u tal-Kunsill tal-Ewropa, inkluż dawk li jappartjenu għal aspetti ewlenin tal-proċess elettorali.
30. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-valutazzjoni tal-Kummissjoni li s-Serbja qed iżżomm il-livell ta' tħejjija tagħha dwar il-punti ta' riferiment tal-ftuħ fil-ġabra 3 (Kompetittività u tkabbir inklużiv). Filwaqt li l-Kunsill jilqa' bi pjaċir il-livell tajjeb ta' tħejjija tas-Serbja fil-kriterji ekonomiċi, iħeġġeġ lis-Serbja biex tagħti aktar impetu lis-settur privat billi tħaffef ir-riformi strutturali tal-amministrazzjoni pubblika u tal-governanza tal-intrapriżi tal-istat.
31. Il-Kunsill jilqa' tajjeb il-fatt li s-Serbja żammet l-impenn tagħha f'għadd ta' inizjattivi ta' kooperazzjoni reġjonali u jinkoraġġixxi lis-Serbja tkompli ssaħħaħ ir-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u tikkontribwixxi għall-istabbiltà u r-rikonċiljazzjoni mas-sħab kollha fir-reġjun.
32. Il-Kunsill itenni l-aspettattiva qawwiya tiegħu li s-Serbja żżid l-isforzi tagħha lejn allinjament sħiħ mal-pożizzjonijiet u l-miżuri restrittivi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE, inkluż dwar ir-Russja u l-Belarusja, bħala kwistjoni tal-akbar prijorità. Il-Kunsill jappella wkoll lill-awtoritajiet Serbi jżommu lura minn azzjonijiet u dikjarazzjonijiet kontra l-pożizzjonijiet tal-UE dwar il-politika barranija u kwistjonijiet strateġiċi oħra. Il-Kunsill jieħu nota sew tal-assistenza umanitarja u assistenza oħra mis-Serbja lill-Ukrajna. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-kooperazzjoni mtejba tas-Serbja mal-UE dwar il-prevenzjoni taċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi tal-UE u jħeġġeġ lis-Serbja tkompli b'dawn l-isforzi. Il-Kunsill jilqa' bi pjaċir it-tkomplija tal-parteċipazzjoni attiva u tal-kontribut importanti tas-Serbja f'missjonijiet u operazzjonijiet tal-UE taħt il-PSDK tal-UE.

33. Filwaqt li jirrikonoxxi l-progress f'dan ir-rigward, il-Kunsill ikompli jenfasizza l-ħtieġa li s-Serbja tissodisfa bis-sħiħ l-impenn tagħha li tallinja ruħha mal-politika tal-UE dwar il-viżi.
34. Il-Kunsill itenni li m'hemm l-ebda ġustifikazzjoni għall-vjolenza u jikkundanna bil-qawwa l-atti vjolenti mid-dimostranti Serbi tal-Kosovo kontra ċ-ċittadini, it-truppi KFOR, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, u l-media fid-29 ta' Mejju 2023 u l-attakk vjolenti kontra l-Pulizija tal-Kosovo fl-24 ta' Settembru 2023 fit-Tramuntana tal-Kosovo. Il-Kunsill jistenna li s-Serbja tikkoopera bis-sħiħ u tiegħu l-miżuri kollha meħtieġa biex malajr taqbad u tixli lill-awturi tal-attakki. Il-Kunsill jiddispjaċih li s-Serbja ma ħaditx azzjonijiet suffiċjenti f'dan ir-rigward. Il-Kunsill jesprimi tħassib dwar iż-żieda fil-preżenza militari mis-Serbja fil-viceinanza tal-Kosovo u jiegħu nota tat-tnaqqis sussegwenti ta' truppi u tagħmir. Is-Serbja u l-Kosovo għandhom isegwu sforzi sostnuti ta' tnaqqis tat-tensjoni, joqogħdu lura minn azzjonijiet unilaterali u provokattivi li jistgħu jwasslu għal tensjonijiet u vjolenza u jwaqqfu r-retorika diviżiva. Il-Kunsill jilqa' b'mod pożittiv il-fatt li s-Serbja ħadet xi passi fid-direzzjoni t-tajba, inkluż billi ħeġġet pubblikament lis-Serbi tal-Kosovo jipparteċipaw fl-elezzjonijiet lokali fit-Tramuntana tal-Kosovo. Is-Serbja għandha tinkoraġġixxi wkoll lis-Serbi tal-Kosovo jirritornaw fl-istituzzjonijiet li ħallew. Il-Kunsill ifakkar li skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-26 u s-27 ta' Ottubru 2023, in-nuqqas mill-partijiet li jnaqqsu t-tensjonijiet ser ikollu konsegwenzi.
35. Il-Kunsill jistenna li kemm is-Serbja kif ukoll il-Kosovo jsibu soluzzjoni sostenibbli għas-sitwazzjoni fit-Tramuntana tal-Kosovo li tiggarantixxi s-sikurezza, is-sigurtà u d-demokrazija parteċipattiva għaċ-ċittadini kollha.
36. Il-Kunsill jistenna li s-Serbja, mingħajr aktar dewmien, tidħol fid-Djalogu ffaċilitat mill-UE in bona fide u fl-ispirtu ta' kompromess biex jinkiseb ftehim legalment vinkolanti komprensiv mal-Kosovo dwar in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-acquis tal-UE. Dan il-ftehim għandu jindirizza l-kwistjonijiet ewlenin pendenti kollha u b'hekk jikkontribwixxi għall-istabbiltà reġjonali. In-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-impenji tad-Djalogu tagħhom huma kundizzjonijiet essenzjali fil-perkors Ewropew taż-żewġ partijiet u t-tnejn jirriskjaw li jtilfu opportunitajiet importanti jekk ma jsirx progress.

37. Il-Kunsill jilqa' l-Ftehim dwar il-Perkors għan-Normalizzazzjoni bejn il-Kosovo u s-Serbja u l-Anness ta' Implimentazzjoni tiegħu adottati fi Frar u Marzu 2023, u jiddispjaċih għan-nuqqas ta' implimentazzjoni miż-żewġ partijiet ta' dan il-Ftehim, kif ukoll ta' impenji pendenti oħra milħuqa fid-Djalogu ffaċilitat mill-UE, immexxi mir-Rappreżentant Għoli u appoġġat mir-Rappreżentant Speċjali tal-UE. Huwa jappella lis-Serbja u lill-Kosovo jirrispettawhom u jimplimentawhom bis-sħiħ, mingħajr aktar dewmien u prekondizzjonijiet. Dan jinkludi l-istabbiliment tal-Assoċjazzjoni/il-Komunità tal-Muniċipalitajiet b'maġġoranza Serba. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon ir-rieda tas-Serbja u tal-Kosovo li jaċċettaw l-abbozz ta' statut ippreżentat lill-partijiet mill-Faċilitatur tal-UE, bil-fehim li jeħtieġ li ssir aktar ħidma fuq din il-bażi.
38. Il-Kunsill jitlob lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jipproponu b'mod urġenti lill-Kunsill, qabel tmiem Jannar 2024, l-emendi għall-punti ta' riferiment tal-Kapitolu 35 tan-negozjati tal-adeżjoni tas-Serbja biex ikunu riflessi l-obbligi tas-Serbja li jirriżultaw mill-Ftehim u l-Anness ta' Implimentazzjoni tiegħu.

MAĊEDONJA TA' FUQ

39. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Lulju 2022, il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-ewwel konferenza intergovernattiva li saret mal-Maċedonja ta' Fuq f'Lulju 2022 u t-tlestija b'suċċess tal-laqgħat ta' eżami analitiku tal-acquis. Il-Kunsill jinsab lest li jlaqqa' konferenza intergovernattiva oħra, mingħajr aktar dewmien jew deċiżjoni politika addizzjonali, hekk kif il-Maċedonja ta' Fuq tkun implimentat l-impenn tagħha li tlesti l-bidliet kostituzzjonali kif imsemmi fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Lulju 2022, f'konformità mal-proċeduri interni tagħha. Il-Kunsill jappella lill-Maċedonja ta' Fuq biex taċċellera t-tlestija ta' dawn il-bidliet. Minn hemm 'il quddiem, il-Kunsill jinsab lest li jiftaħ l-ewwel ġabra ta' negozjati malajr kemm jista' jkun f'konformità mal-Qafas ta' Negozjar.
40. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-partijiet kollha fil-parlament jiffukaw fuq l-avvanz tar-riformi relatati mal-UE u l-proċess ta' adeżjoni mal-UE.

41. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon il-livell ta' tnejnija tal-Maċedonja ta' Fuq f'oqsma ewlenin u jissottolinja l-importanza li jiġu aċċellerati r-riformi orjentati lejn l-UE u li tiġi kkonsolidata aktar l-implimentazzjoni, b'mod partikolari fl-oqsma tal-elementi fundamentali u l-istat tad-dritt. Jeħtieġ li l-Maċedonja ta' Fuq tikseb riżultati fl-indipendenza, il-professjonaliżmu u l-imparzjalità tal-ġudikatura, fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, u fir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika. Il-Kunsill jesprimi tħassib serju dwar xi bidliet fil-Kodiċi Kriminali, li jaffettwaw għadd kbir ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli, kif ukoll dwar influwenza esterna indebita fuq il-ħidma tal-Kunsill Ġudizzjarju u tal-ġudikatura. Il-Kunsill jappella wkoll lill-Maċedonja ta' Fuq tkompli bl-isforzi tagħha biex issaħħaħ aktar id-drittijiet fundamentali, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi jew komunitajiet, il-libertà tal-media u l-libertà tal-espressjoni.
42. Il-Kunsill ifakkar fil-ħtieġa li jitlestew ir-rieżami u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni elettoralri riformata allinjata mar-rakkomandazzjonijiet mill-OSKE/ODIHR u mill-Kummissjoni ta' Venezja b'mod inklużiv u f'waqtu.
43. Dwar il-kriterji ekonomiċi, il-Kunsill jilqa' l-progress li sar, b'mod partikolari fil-qasam tas-sostenibbiltà fiskali, u jħeġġeġ lill-Maċedonja ta' Fuq tkompli bl-isforzi tagħha biex tissodisfa ulterjorment ir-rekwiżiti tas-suq intern tal-UE u biex tlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq ġewwa l-Unjoni.
44. Il-Kunsill jinnota li r-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u l-kooperazzjoni reġjonali għadhom elementi essenzjali tal-proċess ta' tkabbir, kif ukoll tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza li jinkisbu riżultati tanġibbli u li jiġu implimentati, in bona fide, ftehimiet bilaterali, inkluż il-ftehim ta' Prespa mal-Greċja u t-Trattat dwar il-Ħbiberija, ir-Relazzjonijiet Tajbin ta' Viċinat u l-Kooperazzjoni mal-Bulgarija.

45. Il-Kunsill ifaħħar bis-sħiħ lill-Maċedonja ta' Fuq għall-kooperazzjoni konsistenti tagħha dwar kwistjonijiet ta' politika barranija u b'mod partikolari l-allinjament sħiħ tagħha mal-PESK tal-UE, inkluż dwar il-miżuri restrittivi tal-UE – espressjoni qawwija tal-impenn strateġiku tal-Maċedonja ta' Fuq fil-perkors tagħha lejn l-UE. Il-Kunsill jilqa' bi pjaċir it-tkomplija tal-parteċipazzjoni attiva tal-Maċedonja ta' Fuq f'missjonijiet u operazzjonijiet tal-UE taħt il-PSDK tal-UE. Il-Kunsill ifaħħar ukoll lill-Maċedonja ta' Fuq għar-rwol attiv tagħha f'kuntest ġeopolitiku kumpless matul il-mandat tagħha bħala president tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE).

ALBANIJA

46. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-ewwel konferenza intergovernattiva li saret mal-Albanija f'Lulju 2022. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon il-progress fir-riformi li sar fl-aħħar sena, inkluż it-tlestija b'suċċess tal-laqgħat ta' eżami analitiku tal-acquis. Il-Kunsill jistenna b'interess li jieħu l-passi li jmiss fil-proċess ta' adeżjoni tal-Albanija, u li jiftaħ l-ewwel ġabra ta' negozjati malajr kemm jista' jkun.
47. Il-Kunsill ifakkar li djalogu politiku inklużiv u kostruttiv fil-pajjiż jibqa' kruċjali sabiex tiġi avvanzata l-adozzjoni ta' riformi relatati mal-UE.
48. Il-Kunsill jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu għall-progress li sar, speċjalment fl-oqsma tal-elementi fundamentali u b'mod partikolari fl-istat tad-dritt, l-implimentazzjoni li kompliet għaddejja tar-riforma komprensiva tal-ġustizzja, u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-proċess ta' skrutinju kompli javvanza b'mod kostanti u pproduċa riżultati tanġibbli. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jiġu aċċellerati r-riformi orjentati lejn l-UE u li tiġi kkonsolidata aktar l-implimentazzjoni. Il-Kunsill jinnota b'mod pożittiv ir-riżultati konkreti miksuba mill-Istrutturi Speċjali kontra l-Korruzzjoni u l-Kriminalità Organizzata u l-kooperazzjoni tajba li nżammet mal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-UE u tal-Istati Membri. L-isforzi biex jiġi stabbilit rekord solidu fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata jeħtieġ li jitkomplew. Hija meħtieġa wkoll kooperazzjoni aħjar fl-investigazzjonijiet, inkluż mal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF).

49. Il-Kunsill jappella lill-Albanija biex tkompli bl-isforzi tagħha sabiex issaħħa aktar il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, il-libertà tal-media u l-libertà tal-espressjoni, u d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Il-Kunsill jinkoraġġixxi l-implimentazzjoni ta' riforma komprensiva tas-settur tal-art u l-konsolidazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà b'mod trasparenti, inkluż permezz ta' konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inkluż billi jiġu indirizzati każijiet ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti u bl-avanz rapidu tal-proċess ta' reġistrazzjoni u kumpens. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni tal-leġislazzjoni sekondarja dwar il-minoranzi u jkompli jħeġġeġ lill-Albanija biex tadotta u timplimenta malajr id-digrietati relatati li fadal b'rabta mal-liġi qafas tal-2017 dwar il-protezzjoni tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi nazzjonali f'konformità mal-istandards Ewropej u bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. Il-Kunsill iħeġġeġ ukoll lill-Albanija biex tlesti l-proċessi kollha marbuta maċ-ċensiment nazzjonali skont l-istandards internazzjonali.
50. Rigward il-migrazzjoni, l-Albanija għandha tkompli taġġorna l-qafas legali tagħha mal-acquis tal-UE. Filwaqt li jirrikonoxxi l-progress li sar, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Albanija tissodisfa l-impenn tagħha li tallinja ruħha mal-politika tal-UE dwar il-viżi.
51. Rigward il-kriterji ekonomiċi, il-Kunsill jilqa' bi pjaċir ir-reżiljenza u l-irkupru b'saħħtu tal-ekonomija Albanija u jħeġġeġ lill-Albanija tkompli bl-isforzi tagħha biex tissodisfa aħjar ir-rekwiżiti tas-suq intern tal-UE u tlaħħaq mal-persjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq ġewwa l-Unjoni.
52. Il-Kunsill jilqa' l-involviment kostruttiv li l-Albanija żammet fil-kooperazzjoni reġjonali. Il-Kunsill jieħu nota tal-fatt li relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u l-kooperazzjoni reġjonali għadhom elementi essenzjali tal-proċess ta' tkabbir, kif ukoll tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.
53. Il-Kunsill jesprimi l-approvazzjoni qawwija tiegħu għall-kooperazzjoni konsistenti tal-Albanija dwar kwistjonijiet ta' politika barranija u b'mod partikolari l-allinjament sħiħ tagħha mal-PESK tal-UE, inkluż dwar il-miżuri restrittivi tal-UE - sinjal qawwi tal-impenn strateġiku tal-Albanija fil-perkors tagħha lejn l-UE. Il-Kunsill jilqa' bi pjaċir it-tkomplija tal-parteċipazzjoni attiva tal-Albanija fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE taħt il-PSDK tal-UE. L-UE tfaħħar ukoll lill-Albanija għall-involviment attiv tagħha bħala membru mhux permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fil-promozzjoni u d-difiża tal-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli.

TURKIJA

54. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet preċedenti kollha tal-Kunsill u tal-Kunsill Ewropew dwar ir-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mat-Turkija, inkluż b'mod partikolari l-interess strateġiku tal-Unjoni Ewropea f'ambjent stabbli u sigur fil-Lvant tal-Mediterran u fl-iżvilupp ta' relazzjoni ta' kooperazzjoni u ta' benefiċċju reċiproku mat-Turkija.
55. L-UE tibqa' lesta li tidħol fi djalogu mat-Turkija b'mod gradwali, proporzjonat u riversibbli f'għadd ta' oqsma ta' interess komuni, soġġett għall-kundizzjonalitajiet stabbiliti stipulati mill-Membri tal-Kunsill Ewropew fil-25 ta' Marzu 2021, u f'konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill Ewropew. Il-Kunsill għadu impenjat li jibqa' jkollu djalogu miftuħ u sinċier, li jindirizza l-isfidi komuni u li jikkoopera f'oqsma essenzjali ta' interess konġunt bħall-migrazzjoni, is-saħħa pubblika, il-klima, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u kwistjonijiet reġjonali. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon it-tkomplija tad-Djalogi ta' Livell Għoli bejn l-UE u t-Turkija dwar diversi minn dawn il-kwistjonijiet.
56. Il-Kunsill jieħu nota sew tat-titjib reċenti fir-relazzjonijiet bejn it-Turkija u l-Greċja fl-istennija li dawn ser ikunu sostenibbli. Il-Kunsill jilqa' bi pjaċir it-tnaqqis tat-tensjoni fil-Lvant tal-Mediterran, li jeħtieġ li jiġi sostnut.
57. L-UE wiegħbet malajr b'solidarjetà għat-terremoti li laqtu lix-Xlokk tat-Turkija fi Frar 2023, billi pprovdiet timijiet ta' salvataġġ u appoġġ in natura permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, u kkontribwiet għall-mobilizzazzjoni ta' wegħda globali ta' EUR 6 biljun mill-komunità internazzjonali.

58. Il-Kunsill għadu jistenna impenn inekwivoku mit-Turkija għal relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u għas-soluzzjoni paċifika tat-tilwim, b'rikors, jekk meħtieġ, għall-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja. Il-Kunsill, kif iddikjara fil-konklużjonijiet rilevanti kollha tiegħu, kif ukoll fid-Dikjarazzjoni tal-21 ta' Settembru 2005, jappella lit-Turkija tissodisfa l-obbligi tagħha taħt il-Qafas ta' Negozjar, inkluż l-implimentazzjoni sħiħa u nondiskriminatorja tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fir-rigward tal-Istati Membri kollha. Ir-rikonoxximent tal-Istati Membri kollha huwa essenzjali. Jeħtieġ li t-Turkija tinnormalizza r-relazzjonijiet tagħha mar-Repubblika ta' Ċipru u tirrispetta s-sovranità u l-integrità territorjali tal-Istati Membri kollha tal-UE, kif ukoll id-drittijiet sovrani kollha tagħhom, f'konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali, inkluż il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar.
59. Filwaqt li tfakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill u tal-Kunsill Ewropew, l-UE tibqa' impenjata bis-sħiħ għal soluzzjoni komprensiva tal-problema li tirrigwarda Ċipru, fil-qafas tan-NU, f'konformità mar-risoluzzjonijiet rilevanti kollha tal-KSNU u skont il-prinċipji li fuqhom hija msejsa l-UE u l-acquis. Jibqa' kruċjali li t-Turkija timpenja ruħha u tikkontribwixxi għal din is-soluzzjoni paċifika, inkluż l-aspetti esterni tagħha. L-UE tappella biex in-negozjati jissoktaw fi żmien qasir u tinsab lesta li taqdi rwol attiv biex tappoġġa l-istadji kollha tal-proċess immexxi min-NU. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza tal-istatus ta' Varoşa, jikkundanna l-azzjonijiet unilaterali kollha tat-Turkija li jmorru kontra r-risoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, u jtenni l-appelli tiegħu għat-treġġiġh lura immedjat tagħhom. Il-Kunsill jappella lit-Turkija tirrispetta r-Risoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, b'mod partikolari r-Risoluzzjonijiet 541, 550, 789 u 1251.

60. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-snin preċedenti, filwaqt li jfakkar ukoll fl-impjenji internazzjonali tat-Turkija f'dan ir-rigward, il-Kunsill itenni t-tħassib serju tiegħu dwar ir-rigress inkwetanti ħafna li baqa' jseħħ fl-oqsma tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, u d-drittijiet fundamentali. In-nuqqas sistemiku ta' indipendenza u l-perssjoni żejda fuq il-ġudikatura jibqgħu sors ta' tħassib serju, bħalma huma r-restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-media u l-libertà tal-espressjoni. It-Turkija għandha tintensifika l-kooperazzjoni tagħha mal-Kunsill tal-Ewropa u l-korpi u l-istituzzjonijiet rilevanti tiegħu, tindirizza r-rakkomandazzjonijiet prinċipali tagħhom, timplimenta bis-sħiħ il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) u strumenti internazzjonali oħra tad-drittijiet tal-bniedem li t-Turkija hija parti għalihom, kif ukoll teżegwixxi s-sentenzi kollha tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem skont l-Artikolu 46 tal-KEDB. In-nuqqas kontinwu tat-Turkija li timplimenta d-deċizzjonijiet tal-KEDB iqajjem mistoqsijiet dwar l-impenn tat-Turkija għall-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet fundamentali u għall-obbligi internazzjonali tagħha. Il-Kunsill jappella lit-Turkija treggħa' lura b'mod urġenti x-xejriet negattivi f'dawn l-oqsma kollha u tindirizza b'mod kredibbli l-ħafna nuqqasijiet serji identifikati fir-rapport tal-Kummissjoni.
61. Rigward il-kriterji ekonomiċi, il-Kunsill iħeġġeġ lit-Turkija biex tkompli timplimenta passi biex terġa' lura għal politiki makroekonomiċi aktar orjentati lejn l-istabbiltà u tindirizza tħassib persistenti dwar il-funzjonament xieraq tal-ekonomija tas-suq tat-Turkija, inkluż l-ambjent istituzzjonali u regolatorju. Il-Kunsill ifakkar ukoll fil-ħtieġa li t-Turkija tissodisfa l-obbligi tagħha fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Unjoni Doganali UE-Turkija, filwaqt li tiżgura l-applikazzjoni effettiva tagħha għall-Istati Membri kollha. Il-Kunsill itenni wkoll li ċ-ċirkolazzjoni libera tal-merkanzija, inkluż merkanzija b'użu doppju, ma għandhiex titħalla twassal għal ċirkomvenzjoni ta' miżuri restrittivi tal-UE.

62. Id-Dikjarazzjoni UE-Turkija tal-2016 tibqa' l-qafas ewlieni għall-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni u għadha tagħti riżultati. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2021, il-Kunsill jistenna li t-Turkija tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u nondiskriminatorja tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija, inkluż fir-rigward tar-Repubblika ta' Ċipru, għall-issoktar tar-ritorni u għall-prevenzjoni tal-wasliet irregolari. L-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Ftehim ta' Riammissjoni UE-Turkija u l-kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni mal-Istati Membri kollha tal-UE jibqgħu essenzjali. Il-Kunsill jišhaq fuq il-ħtieġa li t-Turkija tallinja ruħha mal-politika tal-UE dwar il-viżi.
63. Il-Kunsill jinnota bi tħassib serju li l-politika barranija tat-Turkija, kif imfissra fir-rapport tal-Kummissjoni, qed tmur dejjem aktar kontra l-prijoritajiet tal-UE skont il-Politika Eстера u ta' Sigurtà Komuni, u jtenni l-aspettattiva qawwija tiegħu li t-Turkija żżid l-allinjament tagħha mal-pożizzjonijiet u l-miżuri restrittivi tal-PESK tal-UE bħala kwistjoni tal-akbar prijorità. Filwaqt li l-Kunsill jirrikonoxxi r-rwol kostruttiv moqdi mit-Turkija fl-iffaċilitar tal-esportazzjoni taç-çereali Ukreni, il-Kunsill jiddispjaçih ferm dwar in-nuqqas ta' allinjament tat-Turkija mal-miżuri restrittivi tal-UE adottati b'reazzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u jissottolinja l-importanza assoluta li tiġi evitata ç-çirkomvenzjoni tagħhom.
64. Il-Kunsill jinnota b'dispjaçir li t-Turkija qed tkompli titbiegħed mill-Unjoni Ewropea u jfakkar fil-konklużjonijiet preçedenti tiegħu li fihom innota li n-negozjati tal-adeżjoni tat-Turkija effettivament waqfu u l-ebda kapitolu ieħor ma jista' jiġi kkunsidrat għall-ftuħ jew l-għeluq.

BOŻNIJA-HERZEGOVINA

65. Il-Kunsill jieħu nota tar-rapport tal-Kummissjoni tat-8 ta' Novembru 2023 dwar il-Bożnija-Herzegovina u r-rakkomandazzjoni tiegħu, u jistenna b'interess id-diskussjoni li ser ikollu l-Kunsill Ewropew dwar din il-kwistjoni.

66. Il-Kunsill jesprimi s-sodisfazzjoni tiegħu għall-isforzi ta' riforma mwettqa mill-Bożnija-Herzegovina wara li nġhatat tal-istatus ta' kandidat f'Diċembru 2022. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Bożnija-Herzegovina biex twettaq l-14-il prijorità ewlenija stabbiliti fl-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tagħha għas-sħubija fl-UE kif approvata mill-Kunsill fl-2019, inkluż l-implimentazzjoni tal-passi kollha li fadal speċifikati fir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għall-istatus ta' kandidat, b'kont meħud tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropej ta' Ġunju 2022. Ittieħdu xi passi u impenji importanti lejn l-issodisfar tal-prijoritajiet ewlenin, minkejja żviluppi negattivi fl-entità *Republika Srpska*. Il-Kunsill ihegġegħ għal aktar progress li huwa meħtieġ fir-riformi. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza li tiġi żgurata l-konformità sħiħa tal-liġijiet adottati kollha mal-acquis tal-UE u mal-istandards Ewropej, inkluż ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja. L-UE tinsab lesta li tkompli tgħin lill-Bożnija-Herzegovina fir-riformi tagħha u fl-implimentazzjoni sostnuta tagħhom, inkluż daww iffukati fuq il-perkors tagħha lejn l-UE.
67. B'referenza għall-mekkaniżmi istituzzjonali li ġew stabbiliti bil-Ftehim ta' Paċi ta' Dayton, jeħtieġ li l-Bożnija-Herzegovina twettaq aktar riformi kostituzzjonali u elettorali biex tiżgura l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni taċ-ċittadini kollha, b'mod partikolari billi timplimenta l-ġurisprudenza tal-kawża Sejdić-Finci tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB). Il-Kunsill itenni l-appell tiegħu għal proċess inklużiv ta' riformi kostituzzjonali u elettorali limitati, permezz ta' djalogu ġenwin u f'konformità mal-istandards Ewropej biex jiġu eliminati l-forom kollha ta' inugwaljanza u diskriminazzjoni fil-proċess elettorali. Il-Kunsill jissottolinja li ma għandu jittieħed ebda pass leġiżlattiv jew politiku li jrendi l-implimentazzjoni tas-sentenza Sejdić-Finci u sentenzi relatati tal-QEDB aktar diffiċli jew li jkompli jaggrava l-firdiet.
68. Il-Kunsill ihegġegħ lill-atturi politiċi kollha fil-Bożnija-Herzegovina biex jirrinunzjaw u joqogħdu lura minn retorika u azzjonijiet diviżivi u provokattivi, inkluż milli jqajmu dubbji dwar is-sovranià, l-għaqda u l-integrità territorjali tal-pajjiż, u biex itemmu l-glorifikazzjoni ta' kriminali tal-gwerra kkundannati kif ukoll biex jippromwovu b'mod attiv ir-rikonċiljazzjoni.

69. Il-Kunsill ikompli jtenni l-impenn inekwivoku tiegħu lejn il-perspettiva tal-Bożnija-Herzegovina orjentata lejn l-UE bħala pajjiż wieħed, magħqud u sovrani.
70. Il-Kunsill jinsab imħasseb serjament dwar il-leġislazzjoni u l-inizjattivi fl-entità *Republika Srpska* li jmorru kontra l-perkors tal-UE tal-Bożnija-Herzegovina, li jinkludu retorika seċessionista u jqajmu dubji dwar l-ordni kostituzzjonali tal-pajjiż. Il-Kunsill jiddeplora l-adozzjoni ta' leġislazzjoni fl-entità *Republika Srpska* dwar l-inapplicabbiltà tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali tal-Bożnija-Herzegovina fl-entità. Il-Kunsill jenfasizza li s-sovranità, l-integrità territorjali, l-ordni kostituzzjonali, inkluż id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali, u l-personalità internazzjonali tal-Bożnija-Herzegovina jeħtieġ li jiġu rispettati. Kwalunkwe azzjoni kontra dawn il-prinċipji ser twassal għal konsegwenzi serji.
71. Il-Kunsill jinnota l-progress limitat u jissottolinja l-ħtieġa li l-istat tad-dritt jissaħħaħ, inkluż bl-adozzjoni ta' liġi ġdida dwar il-Kunsill Ġudizzjarju u ta' Prosekuzzjoni Għoli u bl-adozzjoni tal-liġi dwar il-Qrati. Huwa jappella lill-Bożnija-Herzegovina tiegħu passi deċiżivi biex tiġġieled il-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata sabiex tistabbilixxi rekord ta' investigazzjonijiet u kundanni, inkluż f'livell għoli. Huwa jilqa' l-bidu tal-operat tal-punt ta' kuntatt tal-Europol. Id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali jridu jiġu rispettati b'mod sħiħ.
72. Il-Kunsill jinnota li saru sforzi limitati fil-qasam tad-drittijiet fundamentali, iżda jilqa' l-ħatra tal-Ombudsman bħala mekkaniżmu preventiv kontra t-tortura u jappella lill-Bożnija-Herzegovina tintensifika b'mod sinifikanti l-isforzi ta' riforma dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni, b'mod partikolari billi tindirizza l-vjolenza domestika, il-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u tiżgura d-drittijiet tal-persuni LGBTI.

73. Il-Kunsill jiddispjaċih li kien hemm rigress fil-libertà tal-espressjoni u tal-media u jħeġġeġ lill-Bożnija-Herzegovina tiżgura s-sikurezza tal-ġurnalisti u s-segwitu ġudizzjarju xieraq għal każijiet ta' theddid u vjolenza. Il-Kunsill jiddeplora l-introduzzjoni mill-ġdid ta' pieni kriminali għall-malafama fl-entità *Republika Srpska*, u jiddispjaċih li l-assemblya tal-entità reċentement adottat, fl-ewwel qari, abbozz ta' liġi li tikklassifika gruppi tas-soċjetà ċivili bħala "aġenti barranin", li huwa raġuni ta' tħassib kbir.
74. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li sar xi progress fir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, b'mod partikolari l-adozzjoni tal-liġi dwar il-libertà ta' aċċess għal informazzjoni. Huwa jistenna li jittieħdu aktar passi biex jiġi żgurat servizz ċivili professjonali u depolitiċizzat. Barra minn hekk, biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni fl-allinjament leġiżlattiv, il-Kunsill iħeġġeġ bil-qawwa lill-Bożnija-Herzegovina tiżviluppa programm nazzjonali għall-adozzjoni tal-acquis.
75. Il-Kunsill jilqa' l-passi pożittivi meħuda għat-titjib tal-ġestjoni u l-koordinazzjoni tal-migrazzjoni, b'mod partikolari l-adozzjoni ta' liġi dwar il-barranin. Huwa jappella lill-pajjiż jallinja ruħu bis-siħ mal-politika tal-UE dwar il-viżi, jikkonkludi l-ftehim dwar l-istatus tal-Frontex mal-UE u jiżgura l-aċċess għall-ażil.
76. Rigward il-kriterji ekonomiċi, il-Kunsill jinnota li l-Bożnija-Herzegovina għadha fi stadju bikri tal-istabbiliment ta' ekonomija tas-suq li tiffunzjona.
77. Il-Kunsill jilqa' t-tiġdid tal-mandat tal-EUFOR Althea, li tkompli taqdi rwol ewlieni fl-appoġġ għall-awtoritajiet fil-Bożnija-Herzegovina fiż-żamma ta' ambjent sigur u sikur għaċ-ċittadini kollha.
78. Il-Kunsill itenni li huwa importanti li titkompla l-kooperazzjoni fost l-atturi internazzjonali u jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-missjoni tar-Rappreżentant Għoli u l-Uffiċċju tiegħu lejn it-twettiq tal-Aġenda 5+2.

79. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Bożnija-Herzegovina tibqa' involuta b'mod attiv fil-kooperazzjoni reġjonali u r-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat, u tirtatiffika malajr il-ftehimiet kollha tal-mobbiltà reġjonali taħt il-Proċess ta' Berlin.
80. Il-Kunsill ifaħħar it-titjib sinifikanti tal-Bożnija-Herzegovina fl-allinjament tagħha mal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE li jindika l-impenn tagħha fil-perkors lejn l-UE. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Bożnija-Herzegovina tkompli din ix-xejra pożittiva u jappella lill-Bożnija-Herzegovina tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-miżuri restrittivi, inkluż fuq ir-Russja u l-Belarussja.

KOSOVO

81. Il-Kunsill jesprimi s-sodisfazzjoni tiegħu li l-Kosovo żamm l-impenn għall-perkors Ewropew tiegħu u r-riformi relatati. L-UE tinsab lesta li tassisti aktar lill-Kosovo fir-riformi tiegħu u fl-implimentazzjoni sostnuta tagħhom, inkluż dawk iffokati fuq il-perkors Ewropew tiegħu. Il-Kunsill jistenna b'interess id-dħul fis-seħħ tal-liberalizzazzjoni tal-viża għall-Kosovo fl-1 ta' Jannar 2024.
82. Il-Kunsill jilqa' l-progress importanti fir-riforma elettorali, li tindirizza r-rakkomandazzjonijiet li ilhom li saru ta' Missjonijiet suċċessivi ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE u jħeġġeġ lill-Kosovo jimplementa l-leġiżlazzjoni l-għdida qabel l-elezzjonijiet ġenerali li jmiss.
83. Il-Kunsill jinnota progress limitat fir-rigward tal-istat tad-dritt, il-għieda kontra l-kriminalità organizzata, u l-għieda kontra l-korruzzjoni, u jappella lill-Kosovo jtejjeb l-implimentazzjoni tal-għodod eżistenti għas-salvagwardja tal-integrità, l-indipendenza u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja u jkompli r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika. Jenħtieġ li jsir aktar progress biex jiġu promossi b'mod effettiv id-drittijiet fundamentali, inkluż l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, kif ukoll id-drittijiet ta' komunitajiet mhux maġġoritarji u persuni LGBTI, u biex tiġi żgurata protezzjoni sħiħa tal-wirt kulturali u reliġjuż. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kosovo jimplementa l-liġi dwar il-prevenzjoni u l-protezzjoni fir-rigward tal-vjolenza domestika, il-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru. Il-Kosovo għandu jimplementa d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali dwar il-Monasteru Dečani mingħajr aktar dewmien. Il-Kunsill itenni t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' libertà tal-espressjoni u l-pluraliżmu limitat fit-Tramuntana tal-Kosovo.

84. Il-Kunsill huwa mħasseb ħafna dwar is-sitwazzjoni fit-Tramuntana tal-Kosovo, inkluż is-sigurtà. Diversi passi unilaterali mill-Kosovo u s-Serbja, kif ukoll ir-riżenja kollettiva tas-Serbi tal-Kosovo mill-istituzzjonijiet tal-Kosovo u l-bojkott ta' tagħhom fl-elezzjonijiet lokali ta' April fit-Tramuntana tal-Kosovo, komplew iżidu t-tensjonijiet. Il-Kunsill jikkundanna bil-qawwa l-atti vjolenti mid-dimostranti Serbi tal-Kosovo kontra ċ-ċittadini, it-truppi KFOR, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, u l-media fid-29 ta' Mejju 2023. Għandhom isiru elezzjonijiet lokali ġodda fit-Tramuntana tal-Kosovo malajr kemm jista' jkun u s-Serbi tal-Kosovo għandhom jipparteċipaw b'mod attiv, mingħajr prekundizzjonijiet. Is-Serbi tal-Kosovo għandhom ukoll jirritornaw fl-istituzzjonijiet li ħallew. Dan ir-ritorn għandu jiġi ffaċilitat mill-Kosovo u mħeġġeġ mis-Serbja.

Il-Kunsill ifakkar li f'konformità mad-Dikjarazzjoni tat-3 ta' Ġunju mir-Rappreżentant Għoli fisem l-UE, l-UE qed timplimenta miżuri riversibbli fir-rigward tal-Kosovo minħabba n-nuqqas ta' azzjoni deċiżiva biex jitnaqqsu t-tensjonijiet fit-Tramuntana tal-Kosovo. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kosovo ħa passi biex jissodisfa wħud mit-talbiet tal-UE. Il-Kunsill ifakkar li l-UE lesta tirtira l-miżuri f'każ ta' aktar progress fl-issodisfar tat-talbiet eżistenti tal-UE. Il-Kunsill ser jibqa' jsegiwi l-kwistjoni u jerġa' lura għaliha abbażi ta' rapport mir-Rappreżentant Għoli dwar l-issodisfar ta' dawn it-talbiet.

Il-Kunsill itenni li ma hemm l-ebda ġustifikazzjoni għall-vjolenza u jikkundanna bil-qawwa l-attakk vjolenti kontra l-Pulizija tal-Kosovo fl-24 ta' Settembru 2023. Il-Kunsill jinnota l-kooperazzjoni mtejbja tal-Pulizija tal-Kosovo mal-EULEX fir-rigward ta' dan l-attakk. Il-Kunsill jilqa' l-preżenza msaħħa tal-KFOR, b'mod partikolari fid-demarkazzjoni tal-fruntiera/konfini bejn il-Kosovo u s-Serbja. Jenħtieġ li l-Kosovo u s-Serbja jkomplu l-isforzi sostnuti għat-tnaqqis tat-tensjoni, joqogħdu lura minn azzjonijiet unilaterali u provokattivi li jistgħu jwasslu għal tensjonijiet u vjolenza u jwaqqfu r-retorika diviżiva. Il-Kunsill ifakkar li skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-26 u s-27 ta' Ottubru 2023, in-nuqqas mill-partijiet li jnaqqsu t-tensjonijiet ser ikollu konsegwenzi.

85. Il-Kunsill jistenna li kemm il-Kosovo kif ukoll is-Serbja jsibu soluzzjoni sostenibbli għas-sitwazzjoni fit-Tramuntana tal-Kosovo, li tiggarantixxi s-sikurezza, is-sigurtà u d-demokrazija parteċipattiva għaċ-ċittadini kollha.
86. Il-Kunsill jistenna li l-Kosovo jidħol fid-Djalogu ffaċilitat mill-UE in bona fide u fi spirtu ta' kompromess biex mingħajr aktar dewmien jinkiseb ftehim legalment vinkolanti komprensiv mas-Serbja dwar in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-acquis tal-UE. Dan il-ftehim għandu jindirizza l-kwistjonijiet pendenti kollha u jikkontribwixxi għall-istabbiltà reġjonali. In-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-impenji tad-Djalogu tagħhom huma kundizzjonijiet essenzjali fil-perkors Ewropew taż-żewġ partijiet u t-tnejn jirriskjaw li jitilfu opportunitajiet importanti jekk ma jsirx progress.
87. Il-Kunsill jilqa' l-Ftehim dwar il-Perkors għan-Normalizzazzjoni bejn il-Kosovo u s-Serbja u l-Anness ta' Implimentazzjoni tiegħu adottati fi Frar u Marzu 2023, u jiddispjaċih għannuqqas ta' implimentazzjoni miż-żewġ partijiet ta' dan il-Ftehim, kif ukoll ta' impenji pendenti oħra milħuqa fid-Djalogu ffaċilitat mill-UE, immexxi mir-Rappreżentant Għoli u appoġġat mir-Rappreżentant Speċjali tal-UE. Huwa jappella lill-Kosovo u lis-Serbja jirrispettawhom u jimplementawhom b'mod sħiħ, mingħajr dewmien u mingħajr prekondizzjonijiet. Dan jinkludi l-istabiliment tal-Assoċjazzjoni/il-Komunità ta' Muniċipalitajiet b'Maġġoranza Serba. Il-Kunsill jilqa' r-rieda tal-Kosovo u tas-Serbja li jaċċettaw l-abbozz ta' statut ippreżentat lill-partijiet mill-Faċilitatur tal-UE, bil-fehim li hemm bżonn issir aktar ħidma fuq din il-bażi.
88. Il-Kunsill jitlob lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina u kwistjonijiet reġjonali oħra tal-Balkani tal-Punent jaġġorna l-aġenda tal-Grupp Speċjali tal-Kosovo li jmiss dwar in-Normalizzazzjoni, biex jirrifletti l-obbligi tal-Kosovo li jirriżultaw mill-Ftehim u l-Anness ta' Implimentazzjoni tiegħu.
89. Il-Kunsill itenni l-importanza u l-appoġġ tiegħu għall-ħidma tal-Awli Speċjalizzati tal-Kosovo u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjalizzat u jissottolinja r-rieda tiegħu li jassistihom fl-implimentazzjoni tal-mandat tagħhom.

90. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza tal-kooperazzjoni mill-qrib tal-Kosovo mal-missjoni EULEX, kif ukoll ma' atturi internazzjonali rilevanti oħra.
91. Dwar il-kriterji ekonomiċi, il-Kunsill jinnota li l-Kosovo jinsab bejn stadju bikri u xi livell ta' tħejjija fl-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq li tiffunzjona.
92. Il-Kunsill jappella lill-Kosovo, biex b'mod attiv u kostruttiv, jidħol immedjatament f'attivitajiet ta' kooperazzjoni reġjonali u jissodisfa l-impenji tiegħu fis-CEFTA u fil-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, inkluż billi jneħħi d-deċiżjoni tiegħu li jipprojbixxi l-importazzjoni ta' merkanzija mis-Serbja. Il-Kunsill jilqa' r-ratifika mill-Kosovo ta' tliet "ftehimiet tal-Proċess ta' Berlin" dwar il-moviment liberu u r-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki, li ntlewqu fl-2022.
93. Il-Kunsill ifaħħar lill-Kosovo għall-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-orjentazzjoni ġeostrateġika ċara tiegħu kif ukoll l-allinjament volontarju tiegħu mal-miżuri restrittivi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE u tkompli tal-implimentazzjoni tal-miżuri restrittivi tal-UE, li huma espressjoni ċara tal-għażla u l-post strateġiċi tal-Kosovo f'komunità ta' valuri.

UKRAJNA

94. Il-Kunsill itenni l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-Kunsill ifakkar fl-appoġġ sod tal-Unjoni Ewropea għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment, u dritt inerenti tagħha li tiddefendi lilha nnifisha kontra l-aggressjoni Russa. L-UE ser tkompli tappoġġa lill-Ukrajna u lill-poplu Ukren kontra l-gwerra ta' aggressjoni attwali tar-Russja sakemm ikun hemm bżonn.
95. Il-Kunsill ifaħħar il-progress sostanzjali li għamlet l-Ukrajna biex tilħaq l-oġettivi li jirfdu l-istatus ta' kandidat tagħha, minkejja l-fatt li tinsab taħt attakk.
96. Il-Kunsill jieħu nota tar-rapport tal-Kummissjoni tat-8 ta' Novembru 2023 dwar l-Ukrajna u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu, u jistenna b'interess id-diskussjoni li ser ikollu l-Kunsill Ewropew dwar din il-kwistjoni.

97. L-UE tinsab lesta li tassisti aktar lill-Ukrajna fir-riformi tagħha u fl-implimentazzjoni sostnuta tagħhom, inkluż dawk iffokati fuq il-perkors tagħha lejn l-UE, u tibqa' impenjata li tappoġġa t-tiswija, l-irkupru u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna.
98. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-impenn tal-Ukrajna u jilqa' l-progress miksub fl-implimentazzjoni komprensiva u konsistenti tal-istat tad-dritt, ir-riforma ġudizzjarja u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, u jħeġġeġ lill-Ukrajna tkompli b'mod deċiżiv f'din it-triq, li tibqa' vitali għat-tiswija tar-reżiljenza tal-Ukrajna u għal aktar progress fil-proċess tat-tkabbir.
99. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-qafas leġiżlattiv u istituzzjonali dwar id-drittijiet fundamentali huwa stabbilit u jilqa' l-allinjament tal-leġiżlazzjoni tal-Ukrajna dwar il-media mal-acquis tal-UE dwar is-servizzi tal-media awdjoviżiva.
100. Fir-rigward tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-Kunsill jilqa' l-progress fl-iżgurar tal-funzjonament indipendenti u effettiv tal-istituzzjonijiet kontra l-korruzzjoni. L-Ukrajna għandha tkompli ssaħħa aktar l-istituzzjonijiet u l-miżuri tagħha ta' kontra l-korruzzjoni, u tkompli ttejjeb ir-rekord tagħha dwar l-investigazzjonijiet u l-kundanni, inkluż każijiet ta' korruzzjoni fl-ivell għoli. Fir-rigward ta' miżuri mmirati biex jillimitaw l-influenza eċċessiva tal-oligarki, il-Kunsill jirrikonoxxi s-soluzzjonijiet sistemiċi importanti meħuda u jistenna aktar progress f'dan ir-rigward. Il-Kunsill ifaħħar l-avanz li sar fuq l-allinjament tal-leġiżlazzjoni tal-Ukrajna dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus mal-istandards tal-FATF. Il-Kunsill jieħu nota tal-passi li ttieħdu dwar id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi nazzjonali u jistenna li jittieħdu aktar passi kif irrakkomandat mill-Kummissjoni ta' Venezja.
101. Minħabba l-aggressjoni Russa li għadha għaddejja, it-twettiq tal-politika monetarja u l-governanza ekonomika ġenerali fl-Ukrajna ffaċċaw diffikultajiet eċċezzjonali. Il-funzjonament tal-ekonomija tas-suq tal-pajjiż u l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji tiegħu, b'mod partikolari l-Bank Ċentrali, li diġà ħa azzjonijiet deċiżivi, huma ta' importanza partikolari anke bil-ħsieb tal-isforzi ta' rikostruzzjoni.

102. Il-Kunsill ifaħħar l-isforzi tal-Ukrajna biex issaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija u l-indipendenza tal-provvista. Fil-kuntest ta' attakki bla heda fuq l-infrastruttura tal-enerġija tal-Ukrajna, l-UE tinsab lesta li tkompli tipprovdi appoġġ biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija tagħha.
103. Il-Kunsill jenfasizza aktar approfondiment tal-kooperazzjoni settorjali tal-UE mal-Ukrajna u l-integrazzjoni tagħha fis-suq intern tal-UE, abbażi ta' implimentazzjoni msaħħa tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna inkluż iż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva.
104. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn strateġiku tal-Ukrajna fil-perkors tagħha lejn l-UE u l-livell għoli ta' allinjament tagħha mal-pożizzjonijiet u l-miżuri restrittivi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE. Huwa jħeġġeġ lill-Ukrajna tkompli f'din ix-xejra pożittiva lejn allinjament sħiħ, inkluż f'konformità mal-prinċipji tas-sovranità u tal-integrità territorjali.

MOLDOVA

105. Il-Kunsill ifaħħar il-progress sostanzjali tal-Moldova biex tilħaq l-oġettivi li jirfdu l-istatus tagħha ta' kandidat, quddiem l-isfidi sinifikanti li jirriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-azzjonijiet ibridi kontra l-Moldova nnifisha.
106. Il-Kunsill jieħu nota tar-rapport tal-Kummissjoni tat-8 ta' Novembru 2023 dwar il-Moldova u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu, u jistenna b'interess id-diskussjoni li ser ikollu l-Kunsill Ewropew dwar din il-kwistjoni.
107. L-UE tinsab lesta li tkompli tgħin lill-Moldova fir-riformi tagħha u fl-implimentazzjoni sostnuta tagħhom, inkluż dawk iffukati fuq il-perkors tagħha lejn l-UE.
108. Dwar il-prinċipji fundamentali, il-Kunsill jirrikonoxxi l-impenn ċar tal-Moldova għall-proċess ta' riforma tagħha u l-passi deċiżivi li ttieħdu, u jissottolinja l-importanza li jinżamm progress sostenibbli u tanġibbli fir-riforma, b'mod partikolari fl-oqsma tal-istat tad-dritt, il-ġustizzja u d-drittijiet fundamentali, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi.

109. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Moldova tkompli tavvanza fir-riforma komprensiva tal-ġustizzja, inkluż il-proċess ta' skrutinju, kif ukoll fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, b'enfasi fuq it-tiŝiħ tal-istituzzjonijiet rilevanti u l-iżvilupp ulterjuri ta' rekord solidu ta' investigazzjonijiet u kundanni, inkluż każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli. Il-Kunsill jilqa' b'mod pożittiv l-approċċ sistemiku tal-Moldova għad-deoligarkizzazzjoni u jħeġġeġ it-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni.
110. Il-Kunsill jieħu nota tas-sejbiet preliminari tal-OSKE/ODIHR, li jindikaw li l-elezzjonijiet lokali fil-5 ta' Novembru kienu paċifiċi u ġestiti b'mod effiċjenti f'ċirkostanzi diffiċli. Madankollu ġew osservati impatti negattivi fuq il-proċess elettorali, kemm mill-interferenza barranija kif ukoll mill-miżuri restrittivi imposti minħabba tħassib dwar is-sigurtà nazzjonali. Bil-ħsieb tal-elezzjonijiet presidenzjali u parlamentari li ġejjin, il-Kunsill jappella lill-Moldova tiżgura li l-miżuri kontra l-interferenza malizzjuża jkunu konformi mal-istandards internazzjonali.
111. Il-Kunsill ifaħħar ir-reżiljenza tal-Moldova ffaċċata bl-azzjonijiet ibridi bla preċedent tar-Russja, u jikkonferma mill-ġdid l-appoġġ tal-UE f'dan ir-rigward, inkluż permezz tal-Missjoni ta' Sħubija tal-UE fir-Repubblika tal-Moldova.
112. Il-Kunsill ifaħħar l-isforzi tal-Moldova biex issaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija u l-indipendenza tal-provvista tagħha. Jeħtieġ li l-Moldova tkompli żżid il-kapaċità ta' ġenerazzjoni tagħha u ssaħħaħ il-miżuri relatati mal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, b'mod partikolari b'għajjnuna mill-pakkett ta' appoġġ tal-Moldova.
113. Filwaqt li jirrikonoxxi l-progress li sar fir-riformi tas-settur ekonomiku u finanzjarju, il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jsiru riformi ekonomiċi trasformattivi, li jkun hemm kooperazzjoni settorjali u li l-Moldova tiġi integrata fis-suq intern tal-UE, abbażi ta' implimentazzjoni msaħħa tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Moldova inkluż iż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva.

114. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi sostnuti tal-Moldova biex issaħħaħ l-amministrazzjoni pubblika u l-qafas ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi tagħha, u jappella lill-Moldova tkompli ssaħħaħ il-kapaċità amministrattiva u istituzzjonali tagħha fil-livelli kollha. L-involviment sistemiku mas-soċjetà ċivili dwar ir-riformi għandu jkompli, b'konsultazzjonijiet aktar f'waqthom u trasparenti fil-proċess tat-tfassil tal-liġijiet.
115. Il-Kunsill itenni l-impenn tiegħu li jappoġġa s-sovranià u l-integrità territorjali tar-Repubblika tal-Moldova fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment.
116. Il-Kunsill jilqa' tajjeb il-pożizzjoni soda u ta' prinċipju tal-Moldova li tikkundanna l-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-Kunsill jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu għall-impenn strateġiku tal-Moldova fil-perkors tagħha lejn l-UE u ż-żieda sinifikanti fl-allinjament tagħha mal-pożizzjonijiet u l-miżuri restrittivi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE. Huwa jħeġġeġ lill-Moldova tkompli f'din ix-xejra pożittiva lejn allinjament sħiħ, inkluż f'konformità mal-prinċipji tas-sovranià u tal-integrità territorjali.

GEORGIA

117. Il-Kunsill jieħu nota tar-rapport tal-Kummissjoni tat-8 ta' Novembru 2023 dwar il-Georgia u r-rakkomandazzjoni tiegħu, u jistenna b'interess id-diskussjoni li ser ikollu l-Kunsill Ewropew dwar din il-kwistjoni.
118. Il-Kunsill jappella lill-Georgia turi impenn ċar għall-valuri tal-UE, tkompli tagħmel progress fl-aġenda ta' riforma u tissodisfa l-kundizzjonijiet speċifikati mill-Kummissjoni b'mod inklużiv, sinifikattiv u irriversibbli, sabiex tavvanza aktar lejn sħubija mal-UE fil-futur.
119. Il-Kunsill jieħu nota sew tal-aspirazzjonijiet ġenwini tal-maġġoranza assoluta tal-poplu tal-Georgia għal sħubija mal-UE. Il-Kunsill jilqa' l-qafas leġislattiv ġeneralment tajjeb, l-istruttura istituzzjonali u s-soċjetà ċivili vibranti, inkluż organizzazzjonijiet ta' sorveljanza, u jfakkar li dawn l-elementi jipprovdu lill-Georgia b'bażi soda biex tavvanza r-riformi demokratiċi u tal-istat tad-dritt.

120. Fir-rigward ta' xi wħud mill-elementi fundamentali għat-tkabbir, il-Kunsill jirrikonoxxi b'mod partikolari l-progress ġenerali li sar fir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, l-akkwist pubbliku u r-riformi ekonomiċi. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon it-tħejjija ġenerali tal-Georgia biex tassumi l-obbligi tas-sħubija, u jhegħegħ livell sostnut ta' allinjament mal-acquis u l-istandards tal-UE, li jkompli japprofondixxi l-kooperazzjoni settorjali mal-UE, abbażi ta' implimentazzjoni msaħħa tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Georgia inkluż iż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva. Huwa jhegħegħ ukoll lill-Georgia tkompli tissodisfa l-parametri referenzjarji tal-liberalizzazzjoni tal-viża.
121. Il-Kunsill jappella lill-atturi politiċi kollha fil-Georgia juru kooperazzjoni u djalogu kostruttivi, jegħlbu l-polarizzazzjoni u jżommu lura milli jieħdu azzjonijiet li jistgħu jkomplu jaggravaw it-tensjonijiet politiċi u jfjixklu l-istituzzjonijiet demokratiċi u l-aġenda ta' riforma tal-pajjiż. Barra minn hekk, il-Kunsill ifakkar li l-Georgia ntrabtet li tiggarrantixxi li s-soċjetà ċivili tkun tista' topera liberament u tipparteċipa b'mod attiv, inklużiv u sinifikattiv fil-proċess tat-tfassil tal-politika. Dan jiżgura progress aktar effettiv u sostenibbli fir-riforma ta' oqsma fundamentali, b'mod partikolari l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali.
122. Il-Kunsill jissottolinja wkoll l-importanza li jiġu miġġielda d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin kontra l-UE u l-valuri tagħha, u jappella lill-Georgia tieħu passi sinifikattivi lejn dan l-għan.
123. Il-Kunsill itenni li l-funzjonament tajjeb tal-istituzzjonijiet demokratiċi, u r-riformi relatati mal-ġustizzja u l-istat tad-dritt, għandhom jibqgħu prijorità għall-pajjiż. Il-Kunsill jenfasizza li jeħtieġ li jkomplu jissaħħu u jiġu żgurati l-indipendenza, ir-responsabbiltà u l-imparzjalità sħaħ tal-istituzzjonijiet kollha tal-Istat, u b'mod partikolari l-istituzzjonijiet ġudizzjarji, ta' prosekuzzjoni u monetarji, f'konformità mal-istandards Ewropej u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġi żviluppat rekord b'saħtu ta' investigazzjoni ta' każijiet ta' korruzzjoni u kriminalità organizzata, u li jiġu implimentati azzjonijiet ta' deoligarkizzazzjoni permezz ta' approċċ sistemiku.

124. B'referenza għar-riforma elettorali, il-Kunsill ifakkar li qafas solidu f'konformità mal-istandards Ewropej u internazzjonali jibqa' vitali għat-tiżiż tad-demokrazija. Il-Kunsill jappella lill-Georgia tiżgura proċess elettorali ħieles, ġust u kompetittiv, b'mod partikolari fl-2024, u timplimenta bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet li saru mill-OSKE/ODIHR u mill-Kunsill tal-Ewropa/il-Kummissjoni ta' Venezja mill-elezzjonijiet li saru.
125. Il-Kunsill itenni li jeħtieġ li l-Georgia tippermetti r-rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali, inkluż il-libertà u l-pluraliżmu tal-media, id-dritt għal-libertà ta' opinjoni, ta' għaqda u ta' espressjoni, u l-protezzjoni ta' persuni LGBTI mill-intimidazzjoni kif ukoll mill-vjolenza u d-diskriminazzjoni.
126. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-appoġġ tal-UE għas-sovranità, l-indipendenza u l-integrità territorjali tal-Georgia fil-fruntieri tagħha rikonossuti internazzjonalment u jissottolinja li l-UE tibqa' impenjata bis-sħiħ għar-risoluzzjoni paċifika tal-konflitti u għall-politika tagħha ta' nonriconossiment u involviment, inkluż permezz tal-preżenza tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-UE fil-Georgia.
127. Il-Kunsill jissottolinja l-aspettattiva qawwija tiegħu li l-Georgia żżid b'mod sostanzjali l-allinjament tagħha mal-pożizzjonijiet u l-miżuri restrittivi tal-Politika Ewropeja u ta' Sigurtà Komuni tal-UE, inkluż f'konformità mal-prinċipji tas-sovranità u tal-integrità territorjali. Huwa jappella wkoll lill-Georgia tagħmilha prijorità li treġġa' lura x-xejra negattiva u tagħmel progress lejn allinjament sħiħ. Dan ikun sinjal ċar tal-għażla strateġika tal-pajjiż għal sħubija mal-UE. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Georgia tkompli l-kooperazzjoni tajba mal-UE dwar il-prevenzjoni taċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi tal-UE, inkluż dawk kontra r-Russja u l-Belarussja.